# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 236 – It-Tnejn, 8 t'Awwissu 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju temporanju, Ċentru Azzjoni Kattolika, Triq il-Parroċċa, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m.
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 235 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU 235

**2.1 Is-Sitwazzjoni ta' Għar Lapsi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ikkomunika miegħu l-Perit Ray Farrugia, Diredttur Ġenerali fl-MRRA fejn qal li l-Ministeru kien qed ifittex *quotation* biex isir *pontoon*, u l-applikazzjoni mal-MEPA se ssir ukoll min-naħa tal-MEPA.

Il-Viċi-Sindku irrimarka li din hija soluzzjoni temporanja u staqsa x'se jsir għal soluzzjoni permanenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Ministeru, wara li aħna konna ktibna lil diversi ministeri, iddeċieda li jqabbad perit biex jagħtih rapport dwar jekk hemmx possibilità li jitwaqqaf ir-rigress fil-blat, u b'liema mod dan jista' jsir.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jżomm il-kuntatt mal-ministeru.

**2.2** ***Patching***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal, li kif kien imqabbad fl-aħħar seduta, huwa kiteb lill-Ministru George Pullicino , u anki kellmu personalment. L-eżitu kien li ftit jiem wara ibtbagħtu żewġ gruppi ta' ħaddiema biex ilaħħqu mal-*back-log* tax-xogħolijiet.

Il-Viċi-Sindku ippropona li x-xogħol fi Sqaq fit-telgħa tal-Lawrenti, billi hu urġenti li jsir qabel ix-xitwa, għandu jibda immedjatament mill-kuntrattur tagħna.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qajjem l-ilment dwar it-trejqa tas-Salib tal-Għolja li billi jidher li qed iċedi l-ħajt, huwa xogħol urġenti li jrid isir.

Is-Sindku wieġeb li dak ix-xogħol mhuwiex *patching* imma rikonstruzzjoni tat-triq, liema xogħol huwa mdaħħal fl-applikazzjoni li saret dwar is-Salib tal-Għolja u għalhekk għandna nistennew l-eżitu ta' din l-applikazzjoni. Barra minnhekk, il-Kunsill mhuwiex fl-obbligu li jagħmel dan ix-xogħol imma l-obbligu huwa ta' Transport Malta.

**2.3** **Il-Perit David Vassallo**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jipprova jikkomunika miegħu imma ma kienx qed jirnexxielu. Diversi kunsilliera ilmentaw li minħabba f'hekk, ma kienx qed isir progress dwar xi xogħolijiet. Ġiet esplorata l-idea li joħroġ *tender* ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab il-permess tal-Kunsill biex kemm-il darba fi żmien tliet ijiem mis-seduta ma jirnexxielux jikkuntattjah, joħroġ *tender* ġdid.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu dan is-suġġeriment.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.4** **Talba għall-Pjattaforma f'Għar Lapsi.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ftit qabel il-bidu tas-seduta irċieva bl-idejn petizzjoni iffirmata minn diversi persuni li għandhom garaxx jew/u dgħajsa f'Għar Lapsi. Huma qed joġġezzjonaw li ssir din il-pjattaforma għax skont huma toħloq periklu għall-proprjetà tagħhom.

Huwa qal li l-applikazzjoni għadha ma saritx.

Is-Sindku staqsa jekk invista li hemm in-nies kontra tagħha, għandniex nipproċedu bl-applikazzjoni.

Il-Viċi-Sindku ippropona li wara li jkun hemm eżitu tal-kwistjoni tal-perit, li qabel nipproċedu naraw x'jgħidilna l-perit fuq din il-materja.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. FINANZI

## 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

## 3.2 Rapport Finanzjarju Jannar-Marzu 2011

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu kif tlesta r-rapport finanzjarju għal perjodu Jannar-Marzu 2011. Huwa spjega li f'dan il-perjodu kien hemm:

Dħul: €180,236
Ħruġ €105,187
Bilanċ: €50,049

Il-*working capital* kien ta' €129,784.

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1 Wasteserv Malta Ltd

L-Avukat Victor Scerri għan-nom tal-Wasteserv Malta Ltd., kiteb lill-Kunsill biex iħallas lil Wasterv is-somma ta' €15,936.47, rappreżentanti ħlas dovut mill-Kunsill għal rimi ta' skart sa Diċembru 2010.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva korrispondenza minn Michael u Jimmy Magro, President u Segretarju Eżekuttiv rispettivament tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill ma jirrispondiex din l-ittra legali għaliex l-Assoċjazzjoni kienet se tieħu ħsieb din il-materja minħabba l-fatt li li tirrigwardja l-Kunsilli Lokali kollha.

**4.2 Siggiewi Basketball Club**
Is-Siggiewi Basketball Club permezz tal-Kunsillier Jesmond Tanti qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkordina laqgħa magħhom u li għaliha jiġi min ikun jista' mill-kunsilliera.

**4.3 Ġbid ta' Film f'Għar il-Kbir**
Kumpanija tal-films talbet lill-Kunsill l-awtorizzazzjoni biex tiġbed film f'Għar il-Kbir. Is-Sindku ippropona li din għandha tingħata. Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4 Ilment dwar "l-Imgħobbi", Triq Santu Kristu.**
L-avukat Paul Farrugia kiteb għan-nom ta' Carmelo Cardona biex jiġi stallat kanċell fejn taqbeż ix-xatba l-ħadra biex iservi ta' ostaklu għal vetturi li jkunu jridu jagħmlu *offraoding*.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jindaga l-kas u jekk din it-talba hijiex possibli li tintlaqa'.

**4.5 Ilmenti dwar xkiel fuq bankini fi Triq San Ġakbu u Triq San Ġwann**
Wara diskussjoni dwar din il-materja, il-Kunsill unanimament qabel li ma titteħidx deċiżjoni f'din is-seduta dwar din il-materja.

## 5. ĊENTRU ĊIVIKU

**5.1 Xogħlijiet ta' alterazzjoni, servizzi, finituri u kummissjunar Ċentru Ċivku**
Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li ġew finalizzati d-diskussjonijiet mal-kumpanija Steel Structures u li din qablet li jkun hemm tnaqqis mill-offerta oriġinali tal-provediment u installar tal-lift u ipprovdew il-kampjuni neċessarji hekk kif mitluba mill-istess offerta. Il-Periti tal-proġett ikkonfermaw li l-kampjuni jaqblu mat-talba tal-kuntratt.

Għalhekk ippropona li dment li ma jkunx hemmx appelli saż-żmien stipulat, jiġi ffirmat il-kuntratt.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku qal li t-tender għall-istallazzjoni tal-lift kellha tiġi sospiża minħabba li nstab li kien hemm dettalji mhux preċeżi. Huwa ippropona li wara li saret ir-reviżjoni neċessarja, fis-16 t'Awwisu dan it-tender se jerġa' joħroġ għal-lift biss, iġifieri mingħajr xogħolijiet oħra bħalma huwa paneling, eċċ.,

Is-Sinku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku qal li xtaq pubblikament jirringrazzja lill-istaff tal-Kunsill tal-mod kif f'anqas minn tliet ijiem l-uffiċċju beda jopera minn post differenti.Huwa kompla jgħid

li issa ċ-Ċentru Ċiviku jinstab battal, bil-berġa topera mill-Knisja ta' San Ġwann, u s-Servizzi Soċjali mill-iskola primarja.

Rigward ir-ristawr tal-faċċata, huwa qal li tneħħiet il-gallerija, beda t-tqaxxir tal-ġebla u fi ftit jiem oħra mistenni li jitneħħew il-balavostri ta' fuq.

Huwa informa lill-Kunsill li l-kuntrattur beda xi xogħlijiet li m'humiex marbuta mill-permess tal-MEPA bħalma huwa t-tqaxxir taż-żebgħa, kif ukoll il-ħaddiema tal-MRRA qed jagħmlu r-restawr tal-aperturi.

Il-Viċi-Sindku qal li l-ftehim li għandna mal-Gvern huwa li l-Kunsill iħallas tal-materjal u jekk ikun hemm xi *overtime*. Hu ikkalkulat li permezz ta' dan il-ftehim se jiġu iffrakati madwar €15,000.

Hu qal li fil-pagamenti hemm imniżżel l-ammont li jrid jitħallas lill-MRRA biex ikunu approvati fis-seduta tal-lum.

Mistoqsi mill-Kunsillier Cassar dwar l-aċċessibiltà, il-Viċi-Sindku qal li l-bini kollu minn fuq s'isfel se jkun aċċessibli, inkella l-permess tal-MEPA ma jkunx jista' joħroġ.

Dwar ħajt imwaqqa' li hemm fil-bitħa, hu ippropona li x-xogħlijiet tiegħu jibdew mill-aktar fis biex jiġi evitat kull periklu.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku inkoraġġixxa lill-kunsilliera biex min irid jista' jmur jara l-progress tax-xogħolijiet fuq il-post stess.

## 6. MOZZJONIJIET

### 6.1 Mozzjoni dwar is-Shelters tal-Pjazza

Il-Viċi-Sindku qal li wara li *s-shelters* infetħu u Mario Mizzi niżel biex jara s-sitwazzjoni tagħhom, instab li hemm toqba li minnha qed jidħol l-ilma. B'hekk inġemgħet ħafna ħama u hemm il-ħtieġa li jitnaddfu.

Huwa stmat li barra l-użu tal-iskips, l-ispiża titla' għal madwar €1,000. Se jsir ukoll dawl temporanju. Huwa ippropona li dawn ix-xogħlijiet isiru.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni li taqra:

"Billi fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi hemm numru ta' *shelters* li tħaffru fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u li l-aċċess tagħhom huwa minn diversi bokok li jinsabu fl-istess pjazza;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi diġà kiseb l-għajnuna tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex ikunu jistgħu jitħejjew pjanti li juru l-pożizzjoni u d-daqs tal-imsemmija *shelters*;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi se jnaddaf dawn ix-*shelters* kif ukoll lest li jagħmel l-investiment meħtieġ sabiex jinbidlu f'attrazzjoni għat-tgwadija u l-użu mill-pubbliku;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi jemmen li dawn ix-*shelters* għandhom, wara li jsiru x-xogħlijiet meħtieġa, jkunu amministrati minnu bħala Kunsill Lokali u dan bil-għan li jkunu aċċessibli mill-ġdid għall-pubbliku;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 8 t'Awwissu 2011,

"Jirriżolvi li jitlob lil-Gvern sabiex ix-*shelters* li jinsabu fi Pjazza San nikola u li huma aċċessibli minn diversi partijiet tal-istess pjazza jiġu devoluti lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bil-għan li wara li jsiru xogħlijiet meħtieġa fihom dawn jinbildu f'attrazzjoni għat-tgawdija u l-użu mill-pubbliku.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali l-Perit George Pullicino, lis-Segretarju Paralmentari għall-Konsumator, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku Dr Chris Said, lis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet Dr Jason Azzopardi, u lid-Direttur għall-Gvern Lokali s-sur Carmelo Abela, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, lir-residenti ta' Pjazza San Nikola, kif ukoll titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku ippropona li wara li jitnaddfu ssir attività fejn in-nies ikunu mistiedna li jżuru s-shelters u jkun hemm spjega tagħhom minn espert fil-materja. Bħala fondi jistgħu jintużaw dawk li kienu ġew allokati għall-wirja tal-inbid li issa mhux se ssir.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Mozzjoni dwar is-servizz tal-Arriva**

Il-Viċi-Sindku qal li xtaq iressaq din il-mozzjoni:

"Billi matul il-ġimgħat li għaddew beda jopera servizz ġdid ta' transport pubbliku mħaddem mill-mumpanija Arriva;

"U billi dan is-servizz ġdid fisser ukoll bidliet fir-rotot lejn u mis-Siġġiewi;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi rċieva diversi lmenti u suġġerimenti dwar dan is-servizz fosthom dwar il-ħinijet li matulhom joperaw ir-rotot lejn u mis-Siġġiewi, il-puntwalità u l-frekwenza tas-servizz kif ukoll is-servizz minn u lejn l-Isptar Mater Dei;

"U billi l-Kunsill Lokali jemmen li għandu jkollu sehem dirett u effettiv fil-proċess marbut mal-implimentazzjoni tas-servizz ġdid tat-trasport pubbliku;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 8 t'Awwissu 2011, jirriżolvi li jinkariga lill-proponent jorgnazza laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni dwar is-servizz tat-trasport pubbliku bil-għan li sal-ewwel ġimgħa ta' Settembru l-Kunsill Lokali Siġġiewi jkun ippreżenta lil Transport Malta u lill-kumpanija Arriva r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif għandu jitjieb is-servizz f'dak li għandhom x'jaqsmu r-rotot minn u lejn is-Siġġiewi.

"Jirriżolvi li din il-laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni għandha ssir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2011 u li għaliha għandhom jiġu mistiedna jattendu rappreżentanti ta' Trasport Malta u tal-kumpanija Arriva u dan sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għall-mistoqsijiet u l-ilmenti tal-pubbliku.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Ministru tal-Infrastruttura, it-Trapsort u l-Komounikazzjoni Dr Austin Gatt, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku Dr Chris Said, liċ-*Chairman* ta' Trasport Malta s-sur Mark Portelli, lill-Kap Eżekuttiv ta' Trasport Malta s-sur Stanley Portelli, lill-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija Arriva, u lid-Direttur għall-Gvern lokali s-sur Carmelo Abela, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, lir-residenti kollha tas-Siġġiewi flimkien ma' stedina biex jattendu għal-laqgħa ta' konsultazzjoni, kif ukoll titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."

Matul id-diskussjoni ġie ċċarat li l-uniku konsultazzjoni li saret mal-Kunsill kien meta ntbagħtet pjanta tar-rotot.

Is-Sindku issekonda l-mozzjoni u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 7 KUNTRATTI

## 7.1 Tiġdid tal-Kuntratt: Patching 39/09

Is-Sindku qal li t-tieni sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fil-31 ta' Awwissu, 2011 u għalhekk ippropona li jiġġedded. Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 7.2 Tiġdid tal-Kuntratt: Planting 30/09

Is-Sindku qal li t-tieni sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fit-30 ta' Settembru 2011 u għalhekk ippropona li jiġġedded.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 7.3 Tiġdid tal-Kuntratt: Printing of periodical 34/09

Is-Sindku qal li it-tieni sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fil-30 ta' Settembru 2011 u għalhekk ippropona li jiġġedded. Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.4 Tiġdid tal-Kuntratt: Supply of Traffic Signs 20/10**
Is-Sindku qal li l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fid-9 ta' Settembru 2011 u għalhekk ippropona li jiġġedded.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.5 Tiġdid tal-Kuntratt: Street Lighting repair 33/09**
Is-Sindku qal li it-tieni sena ta' dan il-kuntratt kienet se tiskadi fit-30 ta' Settembru, 2011 u għalhekk ippropona li jiġġedded.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 8. HWEJJEĠ OHRA

**8.1 UIF**
Il-Viċi-Sindku staqsa dwar il-possibiltà li jekk hemm bilanċ f'dan il-fond, jintuża għall-ispiża tas-*shelters*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jrid jiċċekkja jekk dan jidħolx fil-kundizzjonijiet tal-UIF. Barra minnhekk, huwa qal li billi l-fanali saru fil-*village core*, hemm kasijiet bħal Triq il-Mitħna u Triq il-Knisja l-Qadima li nofshom hi bil-fanali dekorattivi u n-nofs l-ieħor li m'huwiex fil-*village core* huwa bil-fanali l-antiki. Is-Sindku ippropona li dawn it-tip ta' toroq għandhom isiru kollha, u għalhekk issir applikazzjoni oħra għalihom.

Il-Kunsillier Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.2 Talba għal tismija ta' Triq għal Gerald Vella**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba għal tismija ta' triq għal Gerald Vella. Is-sur Nikol Cassar qal li kien irċieva talba simili għal Nikola Azzopardi u s-sur Joe Sammut qal li kien irċieva talba simili wkoll għal Grazio Pace.

Is-Sindku qal li dawn it-talbiet għandhom jiġu ikkunsidrati meta jkun hemm *availability* ta' toroq.

**8.3 Mera fi Triq ta' Kandja**
Il-Viċi-Sindku ippropona li ssir mera fi triq ta' Kandja. Huwa għandu jippreżenta s-sit tal-post.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.4 Triq Ta' Kandja**
Il-Kunsillier Joe Sammut ilmenta dwar il-periklu ta' din it-triq. Hu qal li għandhom isiru *fluorescent strips f'ċerti* kantunieri biex jiġi evitat il-periklu.

**8.5 Mera Triq ta' Bur il-Kbir**
Il-Kunsillier Nikol Cassar ippropona li ssir mera f'din it-triq.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.6 Mera Telgħa tal-Girgenti**
Il-Kunsillier Nikol Cassar ippropona li ssir mera f'din it-triq.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondiet u l-Kunsillier qabel b'mod unanimu.

**8.7 *Stop Sign* fi Triq patri Delia kantuniera ma' Triq Lapsi**
Il-Kunsillier Nikol Cassar ippropona li ssir din l-istop sign.
Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.8 Sinjali sofor quddiem nru 7. Triq Ħal Niklusi**
Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li hawn toqgħod mara anzjana li ma toħroġx mid-dar u meta jipparkjawlha quddiema ma tkunx tista' toħtoġ. Hu ippropona li jsiru sinjali sofor. Il-kunsilliera Rita Psaila issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.9 Parking spaces fi Santa Margerita qrib Triq Ħal Niklusi**
Il-Kunsillier Nikol Cassar semma l-ħtieġa li l-*parking spaces* li kienu hemm qabel jerġgħu isiru.

**8.10 Bankijiet biswit Ramija Housing Estate**
Il-Kunsillier Nikol Cassar ippropona li jsiru żewġ bankijiet biswit Ramija Housine Estate. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.11 *Refreshment* ta' sinjali tat-toroq fi Triq Lapsi**
Il-Kunsilliera Rita Psaila talbet li jsir refreshment fi Triq Lapsi kantuniera fi Triq l-Imqabba. Il-Kunsillier Joe Sammut  qal li dawn hemm bżonn isiru biex jiġi evitat kull periklu.

**8.12 Sinjali sofor quddiem bankina fi Triq il-Parroċċa**
Il-kunsillier Joe Sammut qal li hemm ħtieġa li jsiru żewġ sinjali quddiem propjetà li minħabba l-parking persuna anzjana ma tkunx tista' toħrog.
Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fid-9:00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar il-Ħamis, 22 ta' Settembru fis-6:00pm.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

**Il-Perit Robert Musumeci**
**Sindku**

**Is-sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum il-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2011**

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| lands - overpayment rent premises 20 pjazza san nikola 2010 | | 303.27 |
| 3d - distribution of leaflets change of address offices inv2960 | 118.00 | |
| a.aquilina - attendance library july11 23hrsx5.86 | 134.78 | |
| access - it agreement august11 inv1946 | 236.00 | |
| access - it maintenance agreement july11 inv1890 | 236.00 | |
| agenda bookshop - books for library (to pay nikol) inv7771 | 119.7 | |
| alex camilleri - pc july11 inv50 | 847.43 | |
| avantech - photocopy maintenance inv145958 | 255.28 | |
| b.grima - road marking paint inv2538 | 1351.10 | |
| big friends guggen musik - band wirja agrarja 2011 | 1000.00 | |
| brass band - banda wirja agrarja 2011 | 260.00 | |
| callus landscaping - planting public spaces july11 inv1262 | 1452.30 | |
| carmelo schembri - drilling of holes façade | 277.30 | |
| carmelo sciberras - sound wirja agrarja inv71 | 1180.00 | |
| cassie camilleri - clerikal work saturdays july11 20hrsx7.2 | 114.00 | |
| cir - june11 | 2291.24 | |
| cir july11 | 1649.24 | |
| clifford vella - 2 books for library inv114/11 | 25.00 | |
| cookies - reception wirja agrarja inv4344346 | 72.00 | |
| csd - toner for printer P1006 inv25818 | 160.48 | |
| die ecke - 1 telephone set inv99912 | 55.70 | |
| districts - patching sqaqien near sag job490 inv2679 | 461.77 | |
| districts - patching wied costa ifo sag job427 inv2679 | 735.11 | |
| doi - advert doi cancellation of tender lcs14/11 | 9.32 | |
| doi - advert lcs14/11 tender | 18.64 | |
| ganaja - inspection boxes pjazza inv58/11 | 164.96 | |
| ganaja - trenching for cables ifo council office inv57/11 | 3075.20 | |
| go - 21462946 june11 | 21.06 | |
| go - 21465799/21465805 june11 | 245.12 | |
| go - 21466000 june11 | 25.80 | |
| go - 21468874 june11 | 68.19 | |
| go - adsl july11 | 35.00 | |
| grace mizzi - cleaning council premises july11 54.5hrsx4.66 | 253.97 | |
| j.gatt - supervisor of works june11 | 1569.23 | |
| kumitat kongunt - les july11 invcjc366 | 482.67 | |
| kumitat kongunt - les june11 inv cjc360 | 311.33 | |
| lcd - advert tender lcs14/11 lift | 112.50 | |
| milord - cleaning non urban july11 inv256 | 3753.46 | |
| mita - email accounts april-june11 inv sin025064 | 14.91 | |
| mita - wide area connectivity july-sept11 inv36 | 416.85 | |
| mk leisure - dinner 30/7/11 inv4381 | 671.00 | |
| mk leisure - monte kristo estate - dinner 30/7/11 inv7530650 | 671.00 | |
| msd - traffic signs inv15003 job8933 | 708.46 | |
| msd - traffic signs inv15087 | 1269.20 | |
| msd - traffic signs inv15088 | 171.00 | |
| multiprint - polo shirts and bags wirja agrarja 2011 inv2515 | 729.24 | |
| n.baldacchino - petrol expenses july11 | 84.00 | |
| n.baldacchino - petrol expenses june11 | 85.00 | |
| nick's ironmongery - operating materials inv302 | 91.49 | |
| nicolai gatt - updating website june11 inv10 | 60.00 | |
| nvc - key cutting inv4595 | 23.4 | |
| nvc - operating material inv4588 | 159.22 | |
| nvc - operating material po59/11 inv4587 | 3.60 | |
| nvc - operating material po62/11 inv4589 | 165.15 | |
| nvc - operating material po65/11 inv4590 | 58.22 | |

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| | | |
|---|---|---|
| nvc - operating material po70/11 inv4591 | 34.3 | |
| nvc - operating material po72/11 inv4592 | 18.40 | |
| nvc - operating material po74/11 inv4593 | 22.8 | |
| nvc - operating material po75/11 inv4594 | 22.80 | |
| nvc - operating material po76/11 inv4596 | 14.68 | |
| nvc - operating materials inv4574 | 6.11 | |
| nvc - operating materials inv4585 | 174.42 | |
| nvc - operating materials po37/11 inv4569 | 40.60 | |
| nvc - operating materials po38/11 inv4570 | 7.50 | |
| nvc - operating materials po39/11 inv4572 | 9.11 | |
| nvc - operating materials po40/11 inv4571 | 90.00 | |
| nvc - operating materials po41/11 inv4573 | 6.60 | |
| nvc - operating materials po43/11 inv4575 | 93.72 | |
| nvc - operating materials po44/11 inv4577 | 121.77 | |
| nvc - operating materials po45/11 inv4576 | 10.70 | |
| nvc - operating materials po46/11 inv4579 | 73.72 | |
| nvc - operating materials po48/11 inv4578 | 8.91 | |
| nvc - operating materials po50/11 inv4580 | 4.00 | |
| nvc - operating materials po52/1 inv4582 | 259.00 | |
| nvc - operating materials po52/11 inv4581 | 37.70 | |
| nvc - operating materials po53/11 inv4583 | 9.00 | |
| nvc - operating materials po54/11 inv4584 | 9.80 | |
| nvc - operating materials po55/11 inv4586 | 10.50 | |
| p.cutajar - 2 boxes coffee inv570019 | 86.00 | |
| pierre farrugia - minerals inv18 | 76.00 | |
| pierre farrugia - minerals inv82 | 84.50 | |
| pierre farrugia - water and soft drinks inv705 | 70.40 | |
| r.psaila - tokens outing 20/7/11 | 50.00 | |
| raymond attard - refuse collection festa sunday inv2666 | 613.60 | |
| raymond attard - ss july11 inv2665 | 3538.25 | |
| reel8 - graziella ellul - dvd wirja agrarja 2011 invsg01 | 236.00 | |
| salaries july11 | 4507.70 | |
| schembri - transport outing 11/6/11 | 153.40 | |
| secom - relocation of telephone network to new premises inv5591 | 485.55 | |
| smart - 6 boxes photocopy paper inv13024111 | 111.51 | |
| smart - archive boxes for moving offices inv13023992 | 119.70 | |
| smart - archive boxes inv13023937 | 119.70 | |
| smart - cleaning material for premises inv13024112 | 54.24 | |
| tdp -transport outing disabled grupp solidarjeta 14/7/11 inv1676 | 58.00 | |
| terranova - 4 shirts for uniforms (rit/maria) to pay ritienne inv212 | 63.96 | |
| terranova - uniform expenses 2 shirts rit/maria 9 to pay ritienne) | 31.98 | |
| untours - tour lakebled 5-12/09/2011 | 18565.50 | |
| vodafone - 99762218 june11 | 92.70 | |
| vodafone 99491670 may11 inv2446217062011 | 53.33 | |